MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 889/1991/1

**Frank Bonello bhala General Manger ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Lombard Bank (Malta) Limited**
**vs**

**(a) Massimo Luppi - personalment**

**(b) Fenlex Nominee Services Limited bhala uniku direttur tas-socjeta' Vasari International Holdings Limited u b'degriet tal-15 ta' Ottubru 1992 l-Avukat Dr. Jose Herrera u il-Prokuratur Legali Edgar Montanaro gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil-Massimo Luppi personalment fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti u b'nota tal-4 ta' Dicembru 1996 Fenlex Nominee Services Limited assumiet l-atti tal-kawza fil-kwalita taghha ta' stralcarju tas-socjeta Vasari International Holdings Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi huwa kreditur tal-konvenuti fl-ammont ta' Lit. 52,909,l08 bilanc ta' somma akbar dovuti in kwantu ghas-somma ta' Lit. 48,809.141 sorte u in kwantu ghas-somma ta' Lit. 4,099.967 interessi sas-7 ta' Awissu 1991, rappresentanti diversi cheques mahrugin fuq banek taljani li ma gewx onorati u cioe: (l) cheque no. 2401567-12 ghall-ammont ta' Lit. 20,000,000 liri taljani mahrug fuq "Banca Nazionale del Lavoro" ta' Ruma mis-socjeta "Vasari International Company s.r.l." pagabili lis-socjeta "Vasari International Holdings Ltd."; (2) Cheque numru 0376978l75 - 02 ghall-ammont ta' Lit. 7,l49,400 mahrug fuq il-"Monte dei Paschi di Siena" Ruma mis-socjeta "Gestur s.r.l." pagabili lis-socjeta "Vasari International Holdings Ltd."; (3) Cheque numru 0376978174-01 ghall-ammont ta' Lit. 20,000,000 mahrug fuq il-"Monte dei Paschi di Siena" Ruma mis-socjeta "AGestur s.r.l." pagabili lill-"Vasari International Holdings Ltd."; (4) Cheque numru 240l56611 ghall-ammont ta' Lit. 20,000,000 mahrug fuq il-"Banco Nazonale del Lavoro", Ruma mis-socjeta "Vasari International Co. s.r.l." pagabili lis-socjeta "Vasari International Holdings Ltd."; peress li dawn ic-cheques gew kollha disonorati meta s-socjeta attrici kienet tat "immediate value" u cioe onorat dawn ic-cheques; peress li l-konvenut Massimo Luppi kien firmatarju tas-socjeta "Vasari Inteernational Holdings Ltd." kif wkoll direttur u azzjonista tal-istess socjeta u ghalhekk kien f'posizzjoni li jkun jaf illi dawn ic-cheques ma setghux jigu onorati u nonostante dan, xorta wahda awtorizza l-hrug taghhom u b'hekk agixxa frodolentement ghad-dannu tas-socjeta attrici; peress li nonostante l-hafna promessi da parti tal-konvenut Massimo Luppi personalment li jhallas dan id-

dejn huwa baqa' biex ma onorax il-promessi tieghu u ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex dina il-Qorti m'ghandhiex:-

(l) Tikkunannahom solidament bejniethom biex ihallsu is-somma totali ta' tnejn u hamsin miljun disa mija u disat elef mija u tmien liri taljani (Lit. 52,909,l08) fl-ekwivalenti flus maltin ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali ulterjuri kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Fenlex Nominee Services Limited fejn gie eccepit :-

(l) Illi in linea preliminarii n-nullita tac-citazzjoni in kwantu diretta kontra "Fenlex Nominee Services Limited" stante li fil-ligi taghna huwa inkoncepibbli li tigi mharrka socjeta u mhux tnejn mid-diretturi in rapprezentanza tal-istess;

(2) Illi sekondarjament, is-socjeta Fenlex Nominee Services Limited illum ghandha l-kariga ta' likwidatur tas-socjeta Vasari International Holdings Limited stante li l-istess socjeta kienet marret f'likwidazzjoni;

(3) Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-domanda attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li huma ma kienu hatja ta' ebda frodi oltre li l-eccipjenti qatt ma kienu awtorizzaw lill-attur nomine biex jaghti "immediate value" lic-cheques li allegatament gew disonorati;

(4) Illi jekk il-konvenut Luppi agixxa frawdolentement, ghandu jirrispondi hu ghall-ghemilu u l-eccipjenti ma kellhom x'jaqsmu xejn ma tali agir;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Fenlex Nominee Services Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Avukat Dottor Jose' Herrera et nomine fejn gie eccepit illi huwa mhux dedott mill-fatti f'dan l-istadju;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Avukat Dottor Jose' Herrera et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta Marzu 1999;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta Fenlex Nominee Services Limited bhala stralcjarju tas-socjeta Vasari International Holdings Limited;

Ikkonsidrat:

Il-bank attur jippretendi li hu kreditur tal-konvenuti fl-ammont ta' tnejn u hamsin miljun disa mija u disa mitt elf mija u tmien liri taljani (Lit.52,909,l08) bilanc ta' somma akbar rappresentanti l-import ta diversi cekkijiet barranin u l-imghaxxijiet relattivi liema cekkijiet gew imsarrfin mill-bank attur u pero ma gewx onorati mill-banek barranin. Il-bank attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati solidament bejniethom biex ihallsu l-imsemmija somma fl-ekwivalenti fi flus maltin;

Jista jkun hemm konfuzjoni dwar minn huma l-konvenuti f'dawn il-proceduri. Ghalhekk ghandu jigi mill-ewwel rilevat li l-konvenuti huma Massimo Luppi personalment u s-socjeta Vasari International Holdings Limited. Is-socjeta l-ohra Fenlex Nominee Services Limited giet imharrka bhala l-uniku direttur tal-imsemmija socjeta konvenuta

Vasari u ghalhekk presumibilment giet imharrka ghan-nom u in rappresentanza tal-istess socjeta Vasari. Barra minn hekk jigi rilevat ukoll li fil-mori tal-kawza l-istess socjeta Fenlex Nominee Services Limited assumiet l-atti tal-kawza ghall-imsemmija socjeta konvenuta Vasari u dana fil-kwalita' taghha ta' stralcarju tal-istess socjeta Vasari;

Saret nota ta' eccezzjonijiet da parti tas-socjeta Fenlex Nominee Services Limited. Din in-nota ta' eccezzjonijiet ghandha tigi meqjusa li saret ghan-nom tas-socjeta konvenuta Vasari International Holdings Limited. Fl-ewwel lok gie eccepit li c-citazzjoni hi nulla in kwantu diretta kontra s-socjeta Fenlex. Kif gia gie rilevat ma jidhirx li dawn il-proceduri huma diretti kontra l-imsemmija socjeta Fenlex u ghalhekk dina l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta. Fl-istess nota ta' eccezzjonijiet qed jigi inoltre eccepit li s-socjeta konvenuta qatt ma kienet hatja ta' frodi oltre li l-istess socjeta konvenuta qatt ma awtorizzat lill-bank attur biex jaghti "immediate value" lic-cekkijiet in kwestjoni li eventwlment jidher li gew disonorati. Jekk il-konvenut Luppi agixxa frawdolentement, hu l-istess konvenut Luppi li ghandu jirrispondi ghall-ghemilu peress li s-socjeta konvenuta ma kellha x'taqsam xejn ma tali agir;

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta Vasari International Holdings Limited giet inkorporata hawn Malta fit-18 ta' Ottubru 1990 bhala “offshore non-trading company” u skond il-ligi kienet qed tigi operata minn “nominee company” cioe' s-socjeta Fenlex Nominee Services Limited, li in effett kienet l-uniku direttur taghha;

Jirrizulta ukoll li l-istess socjeta konvenuta Vasari kellha kont mal-bank attur, liema kont kien f'liri taljani. Kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenut Luppi ppresenta lill-bank attur xi cekkijiet barranin, li l-istess bank attur sarraf mill-ewwel. Ghallhekk dawn ic-cekkijiet barranin inghataw dak li jissejjah “immediate value” fis-sens li l-bank attur ma

ghadx jistenna li l-ewwel l-istess cekkijiet jissarfu mill-banek esteri li fuqhom inhargu l-istess cekkijiet. Skond il-General Manager ta' dak iz-zmien tal-bank attur dan sar peress li l-istess bank attur kellu referenzi tajbin ghar-rigward tal-konvenut Luppi. Tant hu hekk li dawn ic-cekkijiet gew in effett onorati mill-banek esteri;

Jirrizulta li sussegwentement il-konvenut Luppi rega ppresenta xi cekkijiet ohra barranin li nghatw ukoll "immediate value" mill-bank attur, pero' dawn ic-cekkijiet eventwalment ma gewx imhallsin u ma gewx onorati mill-banek esteri. Dejjem skond il-general manager ta' dak iz-zmien, il-bank attur kien gie infurmat mill-konvenut Luppi li minn kien hareg dawn ic-cekkijiet kienu socjetajiet registrati barra minn Malta li pero' kienu jappartjenu lilu u ghalhekk kien kontrollati minnu;

Minn dana kollu jidher li dawn l-operazzjonijiet bankarji saru esklusivament bejn il-bank attur u l-konvenut Luppi. Jirrizulta ampjament li s-socjeta Fenlex ma kienitx giet informata b'dawn l-operazzjonijiet. Inoltre jirrizulta li s-socjeta Fenlex dejjem irriteniet li l-bank attur ma kellux jghati "immediate value" lill dawn ic-cekkijiet minnhajr l-awtorizzazzjoni taghha. In effett l-operat tas-socjeta Vasari kien ir-responsabilta tas-socjeta Fenlex bhala in-"nominee company". Jidher ghalhekk ukoll li anke is-socjeta Vasari kienet estranea ghal dak li kien qed isir bejn il-bank attur u l-konvenut Luppi. Jidher li l-bank attur ghazel huwa li jghati "immediate value" lic-cekkijiet in kwestjoni. Ovvjament dan ghamlu fuq ir-referenzi li kellu ghar-rigward ta' Luppi u fuq il-fatt li kienu gia ssarfu xi cekkijiet li in effett kienu gew onorati mill-banek barranin. Il-bank attur ghamel il-valutazzjoni tar-riskju u fuq tali valutazzjoni ghazel li jsarraf mill-ewwel ic-cekkijiet;

Lanqas ma jirrizulta b'mod car liema kont gie akkreditat meta ssarfu immedjatament dawn ic-cekkijiet. In effett jirrizulta li l-konvenut Luppi kellu diversi kontijiet mal-bank attur. F'dawn l-oprezzjoni bankarji li saru jidher li l-bank attur dejjem irritjena li l-klijent tieghu kien il-konvenut Luppi. Inoltre jidher li s-socjeta konvenuta Vasari ma kinitx involuta fl-operazzjonijiet bankarji in kwestjoni fejn ic-

cekkijiet presentati minn Luppi nghataw “immediate value” mill-bank attur. Ma jirrizultax li l-bank attur kellu awtorizzazzjoni biex jaghti “immediate value” mis-socjeta Fenlex jew mis-socjeta Vasari;

Ma hemmx dubju li la darba c-cekkijiet ssarfu u jidher li minn dan ha vantagg il-konvenut Luppi, l-istess konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli li jhallas lura lill-bank l-ammonti in kwestjoni. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti biss fil-konfront tal-konvenut Luppi. Ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta Vasari ghandha b’xi mod tigi ritenuta responsabbli li thallas lura xi ammonti lill-bank attur u ghalhekk l-istess socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera mill-osservanza tal-gudizzju s-socjeta konvenuta Vasari International Holdings Limited u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici pero’ biss fil-konfront tal-konvenut Massimo Luppi personalment u b’hekk tikkundanna l-konvenut Massimo Luppi personalment li jhallas lill-bank attur l-ekwivalenti fi flus maltin ta’ liri taljani tnejn u hamsin miljun disa mija u disat elef mija u tmien liri taljani (Lit.52,909,l08) bilanc ta' somma akbar rappresentanti l-import ta diversi cekkijiet barranin u l-imghaxxijiet relattivi liema cekkijiet gew imsarrfin mill-bank attur u pero ma gewx onorati mill-banek barranin, u dana bl-imghaxxijiet kollha ulterjuri skond il-ligi;

Spejjes jithallsu mill-konvenut Luppi ad eccezzjoni tal-ispejjez tas-socjeta konvenuta li ghanhom jithallsu mill-bank attur.